MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2012

Numru 24/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Anthony Azzopardi**
**Rodoerick Attard**
**David Bonello**
**Charlton Abela**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 24 tas-sena 2010 kontra l-akkuzati Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Abela, li bih huma gew akkuzati talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007, Felix Idisi Oduh (aktar l-isfel magħruf bħala "Felix"), flimkien ma' xi ħbieb tiegħu, fosthom Lucky Omamuyouwi Oloni (aktar l-isfel magħruf bħala "Lucky") u Catherine Graham marru fl-akkwati tal- Bajja ta' San Ġorġ, f'Paceville, San Ġiljan biex jieħdu ftit gost bħal ma' jagħmlu eluf ta'

żgħażagħ, Maltin u barranin, fi tmiem il-ġimgħa. Huma xtaqu jidħlu fl-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", li jinsab fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan.

Dak in-nhar, jaħdmu bħala "bouncers" jew "security officers" ma' dan l-istabbiliment kien hemm l-akkużati, li kienu qegħdin jagħmlu xogħolhom f'diversi partijiet ta' dan l-istabbiliment Fuego. Mal-bieb dak il-ħin li kienu ser jidħlu fl-istabbiliment kien hemm l-akkużat Anthony Azzopardi u Roderick Attard.

Minn dan il-grupp żgħir li kien magħhom Felix, l-ewwel daħlet f'dan l-istabbiliment kienet Catherine Graham, li baqgħet dieħla mingħajr problemi. Mhux hekk ġara iżda għal Lucky u Felix. Hekk kif Lucky u Felix ippruvaw jidħlu huma wkoll f'dan l-istabbiliment ta' divertiment, huma ġew immedjatament imwaqfin mill-akkużat Anthony Azzopardi. Anthony Azzopardi qal lil Lucky li hu u sieħbu Felix ma setgħux jidħlu f'dan l-istabbiliment. Talabhom biex jippreżentaw dokumenti t'identifikazzjoni ("travel documents"). Lucky talab lit-tfajla tiegħu, Catherine Graham, sabiex ittih dawn id-dokumenti li ġew mitluba lilu. Wara li Lucky ippreżenta dawn id-dokumenti, l-akkużat Anthony Azzopardi informahom li dan kien party għall-istudenti u li ma kienx miftuh għal publiku u talab lil Lucky biex din id-darba jtih l-"istudent identity card". Peress li Lucky kien student fl-Ingilterra, huwa kien f'posizzjoni li jipproduċi dan id-dokument ukoll; u hekk għamel. Iżda minkejja li Lucky wera wkoll li kien student, l-akkużat Anthony Azzopardi informah li xorta waħda ma setgħax jidħol f'dan l-istabbiliment.

Lucky għalhekk talab li jkellem lill-manager tal-lokal għaliex huwa ma setgħax jifhem kif ma kienx qed jiġi mħolli jidħol f'dan l-istabbiliment, meta kien ippreżenta d-dokumenti kollha mitluba minnu għal darba darbtejn, kif ukoll li minn barra dan l-istabbiliment kien jidher li fih ma kienx hemm biss nies t'eta żgħira bħal studenti, iżda kien hemm ukoll nies ta' madwar erbgħin u ħamsin sena. Fis wara tfaċċat persuna li qalet li kienet il-manager tal-lokal, fejn dan, wara li sema' l-ilment ta' Lucky, qallu li d-

deċiżjoni dwar min kien jidħol f'dan il-post kienet tas-"security officers" li kienu mal-bieb u jekk dawn jiddeċiedu li persuna ma tidħolx f'dan l-istabbiliment, dil-persuna kien ikollha tibqa barra.

Kien hawn li Lucky staqsih jekk kienx qed jiġi nnegat l-aċċess sempliċiment għax kien raġel iswed u staqsih jekk kienx razzist. F'dan il-mument Lucky ġie mbuttat bil-forza l-isfel minn fuq it-tarġiet ta' dan l-istabbiliment mill-akkużati Anthony Azzopardi u Roderick Attard u sussegwentement l-akkużati l-oħrajn ingħaqdu flimkien m'Anthony Azzopardi u Roderick Attard fit-tkeċċija u mbuttar lil hemm ta' Lucky. Lucky ġie aggredit u mbuttat bis-saħħa għal nofs it-triq u ġie msawwat bis-sieq u bl-idejn fejn ġie ġie. Meta ra' hekk Felix resaq lejn ħabibu Lucky u mar jipprova jbiegħed lil Lucky minn dik l-aggressjoni.

Kif seħħ dan, l-akkużati, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdu l-ħajja ta' Felix Idisi Oduh f'perikolu ċar, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju meta l-akkużati daru u aggredew ulterjorment Felix u bdew jagħtuh daqqiet u jsawtuh bis-sieq u bl-idejn fuq rasu u f'partijiet oħra ta' ġismu. Inoltre, f'mument minnhom f'dik il-kommozzjoni, Felix sema' l-ħoss ta' flixkun jinkiser u bi twettieq tal-istess intenzjoni speċifika li joqtlu jew li jpoġġu l-ħajja ta' Felix f'perikolu ċar, tawh daqqa ta' strument li jaqta u bil-ponta (flixkun imkisser) f'għonqu u minħabba f'din id-daqqa Felix kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Fortunatament Felix irnexxielu jiskappa minn aktar vjolenza kontra tiegħu billi qabad siġġu minn stabbiliment ieħor li kien viċin fejn seħħ dan l-inċident biex jipprova jbiegħed lill-aggressuri tiegħu milli jkomplu jtuh daqqiet b'dan l-istrument – u dan minkejja li Roderick Attard ipprova jżommu minn siequ biex ma jaħrabx. Biss kif l-akkużati lemħu d-demm li beda jgelgel minn għonq Felix, bdew jersqu lura minnu. Fis wara, issejħet ambulanza li ħadet lil Felix l-Isptar San Luqa fejn hemmhekk instab li huwa kien qiegħed fil-perikolu tal-mewt minħabba l-ġrieħi li kien ġarrab. Grazzi għall-intervent immedjat tat-tobba – fattur aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tal-akkużati – il-ħajja ta' Felix Idisi Oduh ġiet salvata u li għalhekk huwa ma mietx. Fil-

fatt irriżulta minn dijanjożi medika magħmula fis wara li ddaħħal l-Isptar li in konsegwenza għal din id-daqqa li kien qala bl-istrument li jaqta u bil-ponta, Felix kien sofra laċerazzjoni ta' bejn għaxra u ħmistax il-ċentimetru fin-nofs u f'quddiem ta' għonqu, b'mod li n-nervituri fuq l-għonq kienu ġew maqsuma, il-vini kienu maqtugħin u kellu wkoll tbenġil fil-pulmun.

B'hekk l-akkużati ma laħqux li jikkonsmaw il-ħsieb doluż tagħhom li joqtlu lil Felix jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar bid-daqqiet tal-oġġett bil-ponta u li jaqta mhux għax waqfu minn jeddhom milli jagħmlu dan, iżda għaliex kien proprju grazzi għall-fatt li Felix prova jeħles minn taħt idejhom, kif ukoll, u aktar importanti minn hekk grazzi għall-intervent f'waqtu tat-tobba fl-isptar San Luqa.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża nhar it-13 ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charlton Abela", l-akkużat Charlton Abela instab ħati ta' diversi delitti.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Abela (reċidiv f'delitt) saru ħatja ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna (Felix Idisi Oduh) jew li jqegħedu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Abela (reċidiv f'delitt), talli għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007 fl-inħawi tal-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan irrendew ruħhom ħatja ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna jew li jqegħedu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu

għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużati Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Abela u illi huma jiġu kkundannati :

(a) kwantu għal Anthony Azzopardi, Roderick Attard u David Bonello għall-piena ta' priġunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 17(h), 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; u
(b) kwantu għal Charlton Abela, reċidiv f'delitt, għall-piena ta' priġunerija minn tminn snin sa għomor il-ħabs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 17(h), 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-isfond tal-fatti u ċ-ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża u ċjoe, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas- Sibt, 24 ta' Ġunju 2007, Felix Idisi Oduh (aktar l-isfel magħruf bħala "Felix"), flimkien ma' xi ħbieb tiegħu, fosthom Lucky Omamuyouwi Oloni (aktar l-isfel magħruf bħala "Lucky") u Catherine Graham xtaqu jidħlu fl-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", li jinsab fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan. Mal-bieb, jaħdmu bħala "security officers" dak il-ħin kien hemm l-akkużat Anthony Azzopardi u Roderick Attard. L-akkużati l-oħra kienu ftit il- bogħod minnhom fl-istabbiliment. Catherine Graham, daħlet f'dan l- istabbiliment mingħajr problemi. Hekk kif Lucky u Felix ippruvaw jidħlu huma wkoll f'dan l-istabbiliment ta' divertiment, huma ġew immedjatament imwaqfin mill-akkużat Anthony Azzopardi. Anthony Azzopardi qal lil Lucky li hu u sieħbu Felix ma setgħux jidħlu f'dan l-istabbiliment. Talabhom biex jippreżentaw dokumenti t'identifikazzjoni ("travel documents"). Lucky talab lit-tfajla tiegħu, Catherine Graham, sabiex ittih

dawn id-dokumenti li ġew mitluba lilu. Wara li Lucky ippreżenta dawn id-dokumenti, l-akkużat Anthony Azzopardi informahom li dan kien party għall-istudenti u li ma kienx miftuh għal publiku u talab lil Lucky biex din id-darba jtih l-"istudent identity card". Peress li Lucky kien student fl-Ingilterra, huwa kien f'posizzjoni li jipproduċi dan id-dokument ukoll; u hekk għamel. Iżda minkejja li Lucky wera wkoll li kien student, l-akkużat Anthony Azzopardi informah li xorta waħda ma setgħax jidħol f'dan l-istabbiliment.

Lucky għalhekk talab li jkellem lill-manager tal-lokal għaliex huwa ma setgħax jifhem kif ma kienx qed jiġi mħolli jidħol f'dan l-istabbiliment, meta kien ippreżenta d-dokumenti kollha mitluba minnu għal darba darbtejn, kif ukoll li minn barra dan l-istabbiliment kien jidher li fih ma kienx hemm biss nies t'eta żgħira bħal studenti, iżda kien hemm ukoll nies ta' madwar erbgħin u ħamsin sena. Fis wara tfaċċat persuna li qalet li kienet il-manager tal-lokal, fejn dan, wara li sema' l-ilment ta' Lucky, qallu li d-deċiżjoni dwar min kien jidħol f'dan il-post kienet tas-"security officers" li kienu mal-bieb u jekk dawn jiddeċiedu li persuna ma tidħolx f'dan l-istabbiliment, dil-persuna kien ikollha tibqa barra.

Lucky staqsih jekk kienx qed jiġi nnegat l-aċċess sempliċiment għax kien raġel iswed u staqsih jekk kienx razzist. F'dan il-mument Lucky ġie mbuttat bil-forza l-isfel minn fuq it-tarġiet ta' dan l-istabbiliment mill-akkużati Anthony Azzopardi u Roderick Attard u sussegwentement l-akkużati l-oħrajn ingħaqdu flimkien m'Anthony Azzopardi u Roderick Attard fit-tkeċċija u l-imbuttar il-barra bis-saħħa ta' Lucky. L-akkużati, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jpoġġu l-ħajja ta' Lucky Omamuyouwi Oloni f'perikolu manifest, daru kemm fuq Lucky kif ukoll fuq Felix u bdew jagħtuhom daqqiet u jsawtu lil Felix u lil Lucky bis-sieq u bl-idejn fuq rashom u f'partijiet oħra ta' ġisimhom. Konsegwenza ta' dawn id-daqqiet li taw lil Lucky, l-akkużati, ikkaġunaw diversi feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Lucky Omamuyouwi Oloni.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża nhar it-13 ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charlton Abela", l- akkużat Charlton Abela instab ħati ta diversi delitti.

Illi b'għemilhom l-akkużati Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Abela (reċidiv f'delitt) saru ħatja talli, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Lucky Omamuyouwi Oloni), jew ġabulha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi, b'dan pero li dan id-delitt huwa aggravat għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' razza u reliġjon stante li fil-waqt li fih sar ir-reat, jew minnufih qabel l-egħmil tar-reat, l-akkużati wrew lejn il-vitma tar-reat ostilita' li tkun ibbażata fuq il-fatt li l-vitma tkun tappartjeni (jew preżunta li tappartjeni) għal gurpp razzjali jew reliġjuż jew ir-reat kien motivat, għal kollox jew b'mod parzjali, minn ostilita lejn membri ta' grupp razzjali ibbażata fuq il-fatt li dawn ikunu jappartjenu għal dak il-grupp.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Abela (reċidiv f'delitt) ħatja talli, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007 fl-inħawi tal-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Lucky Omamuyouwi Oloni), jew ġabulha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi, b'dan pero li dan id-delitt huwa aggravat għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' razza u reliġjon stante li fil-waqt li fih sar ir-reat, jew minnufih qabel l-egħmil tar-reat, l-akkużati wrew lejn il-vitma tar-reat ostilita' li tkun ibbażata fuq il-fatt li l-vitma tkun tappartjeni (jew preżunta li

tappartjeni) għal gurpp razzjali jew reliġjuż jew ir-reat kien motivat, għal kollox jew b'mod parzjali, minn ostilita lejn membri ta' grupp razzjali ibbażata fuq il-fatt li dawn ikunu jappartjenu għal dak il-grupp, u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużati Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Bonello u illi huma jiġu kkundannati :

(a) kwantu għal Anthony Azzopardi, Roderick Attard u David Bonello għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux anqas minn ħames xhur iżda mhux iżjed minn disa' xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 17, 31, 222A(2)(3)(4)(5)(6) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati; u

(b) kwantu għal Charlton Abela, reċidiv f'delitt, għall-piena ta' priġunerija mhux inqas minn seba' xhur iżda mhux iżjed minn sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 17, 31, 49, 50, 51, 222A(2)(3)(4)(5)(6) u 533 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u fiċ- ċirkostanzi msemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża, u ċjoe, għall- ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007, Felix Idisi Oduh (aktar l-isfel magħruf bħala "Felix"), flimkien ma' xi ħbieb tiegħu, fosthom Lucky Omamuyouwi Oloni (aktar l-isfel magħruf bħala "Lucky") u Catherine Graham xtaqu jidħlu fl- istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", li jinsab fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan. Għalkemm Catherine Graham tħalliet tidħol f'dan il-lokal, Lucky u Felix ġew imwaqfa milli jidħlu fl-istess lokal, minkejja li produċew id- dokumentazzjoni kollha rikjesta lilhom mill-akkużati. Inqala diżgwid u l-akkużati, bil-ħsieb li joqtlu lil Felix jew bil-ħsieb li jqegħdulu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ħebbew għalih u tawh diversi daqqiet ta' strument li jaqta u bil-ponta tant li l-istess Felix kien fil-perikolu tal-mewt, filwaqt li l-istess akkużati, mingħajr il-

ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkagunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Lucky Omamuyouwi Oloni), jew ġabulha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi. Dak il-ħin kienu għaddejin diversi persuni fl-inħawi u dan l-aġir kriminali tal-akkużati kien tali li nissel tħassib f'moħħ dawn il-persuni dwar l-inkolumità fiżika tagħhom.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Bonello saru ħatja talli, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Bonello, ħatja talli, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007 fl-inħawi tal-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' detenzjoni għal żmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża, u ċjoe, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007, Felix Idisi Oduh (aktar l-isfel magħruf bħala "Felix"), flimkien ma' xi ħbieb tiegħu, fosthom Lucky Omamuyouwi Oloni (aktar l-isfel magħruf bħala "Lucky") u Catherine Graham xtaqu jidħlu fl-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", li jinsab fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan. Għalkemm Catherine Graham tħalliet tidħol f'dan il-lokal, Lucky u Felix ġew imwaqfa milli jidħlu fl-istess lokal, minkejja li produċew id-dokumentazzjoni kollha rikjesta lilhom mill-akkużati. Inqala diżgwid u l-akkużati,

ħebbew għall-persuna ta' Felix u Lucky biex jagħmlulhom ħsara tant li Felix qala mingħandhom daqqiet ta' strument li jaqta u bil-ponta b'mod li saħansitra kien fil-perikolu tal-mewt, filwaqt li Lucky qala mingħandhom diversi daqqiet fuq il-persuna tiegħu b'mod li sofra ġrieħi ta' natura ħafifa.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Bonello saru ħatja talli ħebbew kontra persuna sabiex jinġurjawha, idejquha jew jagħmlulha ħsara;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Bonello, ħatja talli, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007 fl-inħawi tal-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan ħebbew kontra persuna sabiex jinġurjawha, idejquha jew jagħmlulha ħsara u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' detenzjoni għal żmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 339(1)(d) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija aktar il-fuq f'dan l-att t'akkuża, u ċjoe, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007, Felix Idisi Oduh (aktar l-isfel magħruf bħala "Felix"), flimkien ma' xi ħbieb tiegħu, fosthom Lucky Omamuyouwi Oloni (aktar l-isfel magħruf bħala "Lucky") u Catherine Graham marru biex jidħlu fl-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", li jinsab fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan. Catherine Graham tħalliet tidħol f'dan il-lokal, iżda Lucky u Felix twaqfu milli jidħlu fl-istess lokal, u dan minkejja li produċew id-dokumentazzjoni kollha rikjesta lilhom mill-akkużati. Inqala diżgwid u l-akkużati, ħebbew għall-persuna ta' Felix

u Lucky tant li Lucky ġie imbuttat bis-saħħa fit-triq minn fuq it-taraġ estern tal-istabbiliment biex jiġi mweġġa tant li minħabba li ġie imbuttat u aggredit mill-akkużati, huwa sofra feriti ta' natura ħafifa fuq ġismu, filwaqt li Felix ġie wkoll imbuttat mill-akkużati fit-triq fejn ġie aggredit mill-akkużati u saħansitra qala daqqa ta' strument li jaqta u bil-ponta f'għonqu li ħallieh fil-perikolu tal-mewt.

Illi b'għemilhom l-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Bonello saru ħatja talli imbottaw lil persuna oħra (Lucky u Felix) fit-triq biex iweġġħuhom jew jinsultawhom;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, akkuża lill-imsemmija Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Bonello, ħatja talli, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) tas-Sibt, 24 ta' Ġunju 2007 fl-inħawi tal-istabbiliment ossija Salsa Bar bl-isem ta' "Fuego", fi Triq Santu Wistin, Il-Bajja ta' San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan imbottaw lil persuna oħra (Lucky u Felix) fit-triq biex iweġġħuhom jew jinsultawhom;  u talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' detenzjoni għal żmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 339(1)(l) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

Rat l-atti ta' l-process;

Rat il-verdett tal-gurati tas- 26 ta' Mejju, 2012 li bih

**Fil-konfront ta' Anthony Azzopardi**

**L-Ewwel Kap**

1. Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil Anthony Azzopardi **mhux ħati** skond l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**It-Tieni Kap**

2. Il-gurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Anthony Azzopardi **mhux hati** tal-akkuza taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, ghaliex agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta’ haddiehor.

**It-Tielet Kap**

3. Il-ġurati b’ seba’ (7) voti favur u b’ zewg (2) voti kontra isibu lil Anthony Azzopardi **mhux ħati** skond it-Tielet Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**Ir-Raba’ Kap**

4. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Anthony Azzopardi **mhux ħati** skond ir-Raba’ Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**Il-Hames Kap**

5. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Anthony Azzopardi **mhux ħati** skond l-Hames Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**Fil-konfront ta’ Roderick Attard**

**L-Ewwel Kap**

6. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Roderick Attard **mhux ħati** skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**It-Tieni Kap**

7. Il-gurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Roderick Attard **mhux hati** tal-akkuza taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, ghaliex agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta’ haddiehor.

**It-Tielet Kap**

8. Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil Roderick Attard **mhux ħati** skond it-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**<u>Ir-Raba' Kap</u>**

9. Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil Roderick Attard **mhux ħati** skond ir-Raba' Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**<u>Il-Hames Kap</u>**

10. Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil Roderick Attard **mhux ħati** skond l-Hames Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**<u>Fil-konfront ta' David Bonello</u>**

**<u>L-Ewwel Kap</u>**

11. Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil David Bonello **mhux ħati** skond l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**<u>It-Tieni Kap</u>**

12. Il-gurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil David Bonello **mhux hati** tal-akkuza taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, ghaliex agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta' haddiehor.

**<u>It-Tielet Kap</u>**

13. Il-ġurati b' seba' (7) voti favur u b' zewg (2) voti kontra isibu lil David Bonello **mhux ħati** skond it-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**<u>Ir-Raba' Kap</u>**

14. Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil David Bonello **mhux ħati** skond ir-Raba' Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

**Il-Hames Kap**

15. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil David Bonello **mhux ħati** skond l-Hames Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**Fil-konfront ta’ Charlton Abela**

**L-Ewwel Kap**

16. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Charlton Abela **mhux ħati** skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**It-Tieni Kap**

17. Il-gurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Charlton Abela **mhux hati** tal-akkuza taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

**It-Tielet Kap**

18. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Charlton Abela **mhux ħati** skond it-Tielet Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**Ir-Raba’ Kap**

19. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Charlton Abela **mhux ħati** skond ir-Raba’ Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

**Il-Hames Kap**

20. Il-ġurati b’ tmien (8) voti favur u b’ vot (1) kontra isibu lil Charlton Abela **mhux ħati** skond l-Hames Kap ta’ l-Att tal-Akkuża.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil Anthony Azzopardi, Roderick Attard, David Bonello u Charlton Abela mhux hatja tal-Kapi kollha tal-Att tal-Akkuza w minnhom tilliberahom u

wara li rat l-artikolu 227 u 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjarhom mehlusa, u, jekk mhux detenuti ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigu liberati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------